*Tidhol ANZOLA b'xemgha f'idejha u tmahmah wehidha. Tikxef il-mejtin. Taghlaq il-purtieri*

ANZOLA: [*tkanta*] Ghamluli zraben sbejha
Li jien qatt ma hallast.
Qaluli meta tlaqthom:
"Se thallas sbejha taghna?"
Din il-gimgha ma nhallasx.
Jghiduli kif nitlaqhom:
"Se thallas sbejha taghna?"

[*Tkompli tkanta.*] Dan mejjet. [*Trodd salib fuqu.*] Regja maternal ancis domni, regja skont in paci, Amen. Telaq, regja. Din hallietna… regja… le, haqq il-qtates… ghadha hajja. Trid boqqa ilma sinjura? Sinjura, qed tismaghni? M'ghandiex tbajja' suwed… U x'zarbun sbejjah ghandha! Sinjura! X'zarbun sbejjah, Alla jbierek, qisu ta' Santa Barbara… [*Tmahmah wehidha.*] "Se thallas sbejha taghna?" Trid boqqa ilma? Le? Jekk ma tridx, jien se niehu belgha ghax ghandi ghatx! [*Tixrob*] Tghid imradt ukoll? Ikun li jrid Alla! [*Terga' tibda tkanta.*]

Ghamluli zraben sbejha
Li jien qatt ma hallast.

VERONICA: 'Tin belgha ilma, qahba!

ANZOLA: Mel'ghadek tferfer!

VERONICA: Belgha ilma!

ANZOLA: Imm' issa xrobtu… jien hsibtek li tlaqtna!

VERONICA: Mhux ghalissa.

ANZOLA: [*Tidhak*] Imm'int tidher mhux hazing. Qisek wiz li hareg iss'issa mill-ilma.

VERONICA: [*Thares lejha*] Hekk se timrad int ukoll.

ANZOLA: Jekk nimrad inkun imradt. Jekk ma nimradx, ma nimradx. Tkun maghmula r-rieda ta' Santa Barbara.

VERONICA: Mela Santa Barbara tfejjaq il-pesta?

ANZOLA: Le, imma hi qaddisti. Bil-lejl inkellimha u hi twegibni.

VERONICA: Mur gib naqr'ilma, Sor, ghax qed immut bil-ghatx.

ANZOLA: Sejra. Sakemm ma nsibekx mejta kif nigi lura.

VERONICA: X'igifieri mejta? Mhux qed tarani ghadni nferfer! [*Taqa' qisha mejta.*]

ANZOLA: Hallietna, miskina. Lanqas belgha ilma ma hadet maghha. Jieqaf maghha Alla. Amen.

[*ANZOLA titbieghed waqt li tkanta. Dwal jghibu bil-mod minn fuq VERONICA.*]

---

